# PJAN TAL-LEZZJONI

**Titlu: Ta madwari**

**Subtitle: 8.8 Inħenn u naħfer**

**Għanijiet:**



Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. Jirrevedu xi tfisser ħniena
2. Jifhmu li meta taħfer tkun qed tħenn u dan ir
3. jifhmu li permezz tad-dnub huma ma jkunux
   qed jagħmlu dak li jgħidilhom Ġesù.
4. jifhmu li meta jagħmlu dak li hemm bżonn iħossuhom ferħanin
5. jifhmu li meta ma jagħmlux dak li hemm bżonn iħossuhom
   imdejqin

**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- pupazzi
- Video tan-nagħġa l-mitlufa
- Stampa ta' passi fuq ir-ramel
- Forgiveness song

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Uri l-vidjow tan-nagħġa l-mitlufa.

Wara li jispiċċa l-vidjow staqsi lit-tfal:

X'ġaralha n-nagħġa?

Kif ħassitha meta intilfet u spiċċat weħidha?

X'għamel ir-ragħaj?

X'għamel meta sabha r-ragħaj? Irrabja magħha?

Min taħsbu li hu r-ragħaj? (Ġesù)

- Spjega li n-nagħġa l-mitlufa hija aħna meta niżbaljaw u nitbiegħdu minn Alla. Uri kif minn din l-istorja Ġesù riedna nitgħallmu li Ġesù qatt ma jaqta' qalbu minna, dejjem qed hemm biex jgħinna u dejjem lest li jaħfrilna u jilqagħna lura għandu.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



<u>Niddiskutu maħfra permezz ta' stampa</u>

- uri stampa ta' passi fuq ir-ramel.
  - Staqsi: Dawk il-passi dejjem ser jibqgħu hemm? Id-dnubiet li nkunu għamilna dejjem ser jibqgħu hemm? Le. Dan jurina li ladarba aħna nagħmlu xi ħaġa i.e. nqerru u jiddispjaċina, dnubietna jinħafru u Alla ma jibqax iħares lejn id-dnubiet li nkunu għamilna iżda jilqagħna lura għal għandu b'idejh miftuħa.

<u>Kif inħossuna meta ma nagħmlux dak li jrid minna Alla</u>

- Uri l-vidjow ta' lion King fejn Simba jkun għamel xi ħaġa ħażina u missieru jkun ftit irrabjat miegħu. Naraw kif Simba jiddispjaċih u missieru jaħfirlu.

Diskussjoni

- Nitkellmu fuq l-importanza li naħfru lill-ħbieb tagħna meta jiżbaljaw.
- Naraw ukoll kemm huwa importanti li niskużaw ruħna u nammettu meta niżbaljaw.

Pupazzi

- Irrakkonta l-istorja tat-tifel u l-lupu fejn it-tifel biex jiġbed l-attenzjoni fuqu kien jgħajjat li ġie l-lupu. Xi niex dejjem kienu jmorru jgħinuh u hu minflok kien joqgħod jidħak bihom. Fl-aħħar meta din il-ħaġa ġrat vera ħadd ma emmnu u għal ftit ma spiċċax inħataf mill-lupu. Wara nġibu lit-tifel/pupazz jiskuża ruħu man-nies, filwaqt li l-oħrajn jaħfrulu.

Kitba

- Agħlaq il-lezzjoni billi t-tfal jiktbu talba lil Ġesù dwar l-maħfra – sew jekk biex jaħfrilhom jew biex jgħinhom jkunu kapaċi aktar jaħfru lil ħaddieħor filwaqt li jisimgħu s-song dwar maħfra.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




l-maħfra twassal
għall-aktar ferħ.

l-imħabba tilgħab parti
importanti f'ħajjitna mal-proxxmu kollu.

Meta aħna nħennu għall-oħrajn, Alla żgur iħenn għalina

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

- It-tfal jifhmu li hi l-imħabba li għandha tmexxi kull relazzjoni li jkollhom f'ħajjithom. Mingħajr l-imħabba ma nkunux kapaċi naħfru u nagħżlu dak li huwa sewwa.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

It-tfal ser jisimgħu d-diska dwar maħfra. Ser tidher il-lirika fuq il-video sabiex it-tfal ikunu jistgħu jkantaw magħha.



**Nitolbu**

Mulej Alla tiegħi, int li ħfirtli ħafna drabi;
agħmel li naħfer jien ukoll.
Mulej, Missier ħanin, aħfirli ta' kemm –il darba
ma kontx lest li naħfer jew li nagħmel paċi mal-oħrajn.

